MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Numru. 60/2007

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Joseph Vassallo

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Vassallo, bin il-mejjet Publius u Stella mwielda Zammit, imwieled iz-Zejtun fis-6 ta' Novembru, 1950 u joqghod Nru. 17, "Madonnina", Triq Mikeland Sapiano, Mqabba, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 960850M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-3 ta' Jannar, 2007 ghall-habta ta' bejn il-5.00p.m. u 9.00p.m., waqt li kien gewwa l-Oracle Casino gewwa Bugibba, kkommetta serq ta' 3,550 Euros kif ukoll

LM375 liema serq hu ggravat bil-valur u hin u dan ghad-dannu ta’ Citarda Caterina ta’ nazzjonalita’ Taljana.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-30 ta’ Marzu, 2007, u cioe’ fil-jum meta giet mahlufa l-akkuza odjerna u meta sar l-ezami ai termini ta’ l-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena, il-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi:-

1. Il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet;

2. Il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta; (Dok. Nru. PB1);

3. Il-fatt kif jirrizula mid-dokumenti immarkati bhala PB3 u PB4, ir-refurtiva giet irritornata lura lill-vittma;

4. Il-fatt li l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 279 u 280 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat Joseph Vassallo hati ta’ l-akkuza kif

minnu ammessa u tiddeciedi li tikkundannah ghal prigunerija ta’ tmintax-il xahar sospiza ghal tlett snin millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita’ tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini ta’ l-Artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------